MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 389/2010

**Fl-atti ta’ l-Ittra Ufficjali numru 3811/10 prezentata mill-Awtorita ghat-Trasport f’Malta (Transport Malta) kontra Carmelo Richard (detentur tal-karta ta’ l-identita numru 677746M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-istess Carmelo Richard li bih, wara li ppremetta illi hu gie notifikat b’ittra ufficjali numru 3811/10 li permezz taghha huwa gie nterpellat sabiex ihallas is-somma ta’ Ewro591.13c (hames mija u wiehed u disghin ewro, u tlettax-il centezmu) rapprezentanti licenzi dovuti mill-1 ta’ Novembru 2002 sa’ llum, oltre multa amministrattiva ta’ Ewro 2 (zewg ewro) kulljum b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2009, kif ukoll l-ammont ta’ Ewro139.74c (mija, disa’ u tletin ewro, u erba’ u sebghin centezmu) rapprezentanti kontravvezjonijiet pendenti;

Illi l-esponenti qieghed jipprezenta dan ir-rikors ai termini ta' l-Aritkolu 57(4) tal-Kap. 65 sabiex joggezzjona ghal avviz ghal hlas lilu spedit permezz ta' l-ittra ufficjali hawn riferita.

Illi r-ragunijiet ghal din l-oggezzjoni huma kif ser jigu mfissra f'dan l-umli rikors.

Illi preliminarjament il-lincenzji ghas-snin citati fil-maggoranza taghhom ma humiex dovuti lill-Awtorita ghat-Trasport ta' Malta, stante li dak iz-zmien kienet ghadha ma gietx kostitwita u kwindi l-Awtorita mittenti ghandha taghti prova illi kwalisasi krediti illi kellha l-awtorita regolatrici precedenti gew lilha assenjati skond il-Ligi.

Illi di piu, in rigward ta' multa amministrativa, kwalsiasi penali li tigi mposta ghall-inadempjenza ta' obbligazzjoni di dare, tikkostitwixxi uzura, u dan skond gurisprudenza pacifika, u bl-istess mod illi dan ma jistax isir mill-privat, u lanqas minn awtorita pubblika.

Illi fil-mertu, l-esponenti kien ghamel dak kollu li kien rikjest minnu skond il-Ligi sabiex it-trasferiment tal-vettura targata JAL- 982 jigi debitament registrat, u kien biss nuqqas ta' terza persuna. U cioe, Jesmond Abela, li wassal biex dan it-trasferiment ma jsirx.

Illi ga ladarba l-esponenti ghamel dak kollu li kien rikjest minnu skond il-Ligi, huwa ma ghandux jigi ritenut responsabbli ghal hlasijiet li qed jigu mitluba mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, ghaliex huwa ma ghandux ghalfejn jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet ta' haddiehor, inkluz ukoll, nuqqasijiet ta' l-istess awtoritajiet regolaturi.

Illi semmai, l-imsemmi xerrej, u cioe Jesmond Abela, ghandu jigi kjamat f'dawn il-proceduri sabiex iwiegeb huwa ghal pretensjoni li ghandha l-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta.

Ghal dawn il-motivi, in vista tas-suespost, filwaqt li l-esponenti qed jirriserva d-dritt li jharrek ix-xhieda indikati fil-lista li qed issir a tenur ta' l-Artikolu 57 (5) tal-Kapitolu

65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u li jaghmel dawn is-sottomissjonijiet orali u in iskritt talvolta mehtiega u necessarji, l-esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijet hawn esposti:

i. prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara l-pretensjoni ta’ l-Awtorita ghat-Trapsort f’Malta kif dedotti kontra l-esponenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt; u
ii. konsegwentement tiddikjara illi l-ammonti li l-Awtorita ghat-Trasport f’Malta qieghda titlob minghand l-esponenti ma humiex dovut, u
iii. tordna lil Awtorita ghat-Trasport f‘Malta sabiex tiddezisti milli tiehu proceduri ulterjuri kontra l-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita ghat-Trasport f’ Malta.

Rat il-lista tax-xhieda a fol 2 tal-istess atti.

Rat id-digriet preliminari moghti fil-11 ta’ Ottubru 2010 a fol 3 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-istess Awtorita intimata a fol 8 sa fol 10 tal-istess atti u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti rrid jipprova l-allegazzjonjiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.
2. Fit-tieni lok, l-Awtorita hija s-successur fil-ligi ta’ l-Awtorita precedenti u dan kif jirrizulta mill-Att dwar l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta (Kap 499) ad exemplum art. 38 ta’ l-istess Att. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Awtorita intimata ma gietx assenjata l-krediti precedenti, hija ghal kollox infondata.
3. L-istess haga jinghad ghar-rigward tal-multa amministrativa. Il-penali ta’ €2 kuljum imposti a tenur tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta’ vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) gie indikat lir-rikorrenti u dan sabiex jigi mwissi li hemm din il-multa amministrattiva ghaddejja. Dan l-ammont li sal-lum (10 ta’ Novembru, 2010) jammonta ghal €810, ma jifformax parti mill-ammont dovut u rikjest fl-ittra ufficjali a tenur ta’ l-artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, F’kull kaz,

dak li jallega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment. Ghalhekk l-allegazzjoni ta' uzura, oltre li hija diffamatorja, hija ingustifikata legalment.

4. Fil-mertu jinghad li r-rikorrenti qieghed jammetti li huwa ma mexxiex tassattivament ma dak li jirrikjedi u jiddipsoni l-artikolu 26 tal-kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa sid il-vettura li ghandu jaghti l-avviz u mhux li sid il-vettur jhalli f'idejn haddiehor biex jaghti l-avviz mehtieg skond il-ligi. Oltre dan, l-istess rikorrenti kellu jipprezenta ukoll l-licenzja lill-istess Awtorita intimata sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew trasferiment skond il-kaz. Lanqas dan ma ghamel ir-rikorrenti. Ghalhekk, ma jistax issa r-rikorrenti jghid li kien minhabba xi nuqqas ta' terz li dan it-trasferiment ma sehhx. L-istess artikolu 26 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta jkompli jghid li 'u jekk dan l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura'. Ir-rikorrenti messu ha hsieb li jara li dak li tghid u trid il-ligi jigi osservat skrupolozament u mhux issa jipprova jahrab mir-responsabiltajiet tieghu. Ghalhekk biss, ir-rikors ghandu jigi michud.

5. Lanqas ma huwa l-kaz, la ma gietx osservata l-ligi (art. 26 tal-Kap. 65) li r-rikorrenti jitlob li jigi kjamat in kawza l-persuna li xtrat din il-vettura u cioe Jesmond Abela.

Talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ukoll il-lista tax-xhieda annessa mal-istess risposta (fol 10 ibid).

Rat l-atti tal-kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher a fol 11 sa fol 16 tal-atti, kif ukoll waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru 2011 ir-rikorrenti qatt ma gab xi prova in sostenn ta' dak allegat minnu fir-rikors in esami, kif ukoll , lanqas ma ingiebet a konjizzjoni tal-Qorti, xi sottomissjoni legali inkonnessjoni ma dak li jsostni fl-istess rikors, wasal iz-zmien li dan ir-rikors jigi deciz finalment.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad dak kollu mitlub fl-istess rikors bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess rikorreniti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------